**Sergio Grech** *B.A. (Hons), P.G.C.E., M.A.*

# *Il-Parroċċa ta' Santa Marija tal-Gudja fuq l-Għatba tal-Konċilju Vatikan it-Tieni*

Notamenti Qosra fuq il-Parrokat ta' Dun Lawrenz Cachia (1959-1963).

Fl-1959, Dun Lawrenz Cachia, saċerdot Żebbuġi ta' 27 sena, inħatar kappillan tal-Parroċċa Santa Marija tal-Gudja, raħal żgħir, 'il bogħod mit-turisti minkejja li l-ajruport bieb u għatba, relattivament kwiet fejn id-djalett kien b'saħħtu, bi knisja parrokkjali li tmur lura għall-1656 u li minkejja ċ-ċokon tiegħu ħarġu minnu numru ta' parroċċi.

Kien parrokat qasir, imma intens, li dam sal-1963. Fuq livell lokali, Malta kienet għadha kolonja Ingliża u għal xi żmien, f'dan il-perjodu, il-proċess demokratiku kien sospiż u l-Maltin ma setgħux jeleġġu l-gvern tagħhom. Dik il-ħabta, is-soċjetà kienet maqsuma minħabba kunflitt politiko-reliġjuż bejn il-Knisja lokali u wieħed mill-partiti politiċi ewlenin.

Mil-lat l-ieħor, il-Knisja Kattolika bdiet tesperjenza qawmien ġdid grazzi għall-Konċilju Vatikan it-Tieni mibdi minn Papa Giovanni XXIII imlaqqam *il Papa Buono* u komplut fis-snin ta' wara mill-Papa Pawlu VI. Fis-snin ta' wara l-parrokat ta' Cachia, kellhom isiru bidliet kbar li qaċċtu l-bażi tal-Konċilju Trentin tas-seklu 16. Matul is-snin, dawn il-bidliet messew ukoll il-Knisja f'Malta. Il-parrokat ta' Dun Lawrenz Cachia ppreċieda dawn il-bidliet ewlenin li inkludew l-introduzzjoni tal-ilsien nattiv fil-liturġija kif ukoll li l-lajċi saru parteċipanti attivi fir-ritwali tal-Knisja u mhux sempliċiment spettaturi aljenati.


Mons. Dun Lawrenz Cachia

Dun Lawrenz Cachia ġie ordnat saċerdot fis-17 ta' Marzu 1956 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi flimkien ma' 32 oħra fosthom Dun Daniel Farrugia. B'kollox, dik is-sena, saru sitt ċerimonji tal-ordinazzjonijiet saċerdotali fejn ġew ordnati iktar minn 50 saċerdot.

**DUN LAWRENZ CACHIA NHATAR KAPPILLAN TAL-GUDJA NHAR IT-18 TA' MARZU 1959.**

Kienu żminijiet meta l-kappillan kien għadu jinħatar bil-konkors, liema eżerċizzju waqa' wara l-Konċilju Vatikan it-Tieni. Il-proċess kien jinvolvi li l-kappillan prospettiv kien jingħata każ morali u ried jirreaġixxi għalih bil-kitba, bil-Latin li kien jaf. Wara, il-kandidati kienu jippranzaw mal-Arċisqof u mal-eżaminaturi. Waranofsinhar kienu jingħataw suġġett u jagħmlu omelija ta' madwar għaxar minuti dwaru.

Kien perjodu meta l-kappillan fir-raħal kellu ċerta saħħa u responsabbiltà. Kien mhux biss gwida morali u spiritwali imma fit-territorju tiegħu kien mexxej. Sakemm l-edukazzjoni qabdet ġmielha, il-kappillan kien wieħed mill-ftit li kien jaf jaqra u jikteb fir-raħal.

Parroċċa bħall-Gudja minħabba d-daqs tagħha kienet toffri sfida għas-saċerdot għall-għajxien tiegħu. L-idea ta' paga, imqar minima, għall-kleru tidħol iktar wara anki grazzi għall-ħidma li wettqu Dun Lawrenz Cachia u sħabu, meta huma

kienu attivi fil-Christus Rex, l-għaqda lokali tal-qassisin li kienu joħorġu wkoll ir-rivista, semiintellettwali, *Pastor*.

F'korrispondenza tal-1963, li ra l-awtur preżenti, l-Arċisqof Gonzi ddeskriva lill-Gudja bħala parroċċa "*molto povera*." Kienu żminijiet meta d-dħul tal-qassis kien jiddependi mis-servizzi reliġjużi li kienu jaqgħu taħt dawk li kienu jissejjħu *diritti di stola*. Fost l-oħrajn, il-kappillan kellu l-flus tat-tberik, is-*six pence* talli jagħmel ċertifikat tat-twelid u l-offerti li kienu jtuh fil-funerali u fil-magħmudijiet. Billi l-parroċċa kienet żgħira, l-Arċisqof kien jagħti lill-Kappillan "xi ħaġa żgħira mill-flus tal-Kurja." Mit-tberik mhux żgur kien jiġbor mitejn ewro.

Jidher li kien l-Arċisqof Gonzi nnifsu li lil Dun Lawrenz Cachia kien ħeġġu li japplika għall-parrokat tal-Gudja. Cachia kien laħaq kappillan wara li fi kliemu "kien miet zopptu," il-kappillan ta' qablu Dun Pawl Farrugia li kien miż-Żurrieq. Skont Dun Lawrenz Cachia, Dun Pawl Farrugia "kien ġgant. Imma kellu pressjoni qawwija ħafna. Tah attakk u ħassu ħażin il-knisja, ħaduh id-dar u miet." Farrugia kien kappillan tal-Gudja mill-1956 sal-1959.

L-ewwel inkarigu uffiċjali li kellu Dun Lawrenz billi ħabat żmien l-Għid kien it-tberik tad-djar – okkażjoni kbira dik il-ħabta għall-familja Maltija fejn l-omm kienet tieħu ħsieb li taqla' d-dar minn fuq s'isfel biex tilqa' f'darha lir-ragħaj spirtwali tal-lokal. Għall-kariga ta' kappillan tal-Gudja, kien ikkonkorra miegħu, Dun Ġużepp Schembri, li wara laħaq kappillan tal-Mellieħa.

Dun Lawrenz stqarr mal-awtur preżenti li hu mill-ewwel ħa grazzja mal-post u l-Gudjani laqgħuh ħafna. Fi żmien il-parrokat ta' Cachia, kien hemm erba' qassisin oħra – il-Kanonku Ġużeppi Zammit, li ħafna jiftakruh iqarar fil-Kolleġġjata ta' San Pawl il-Belt, Dun Anton Saliba li kien ukoll kanonku f'San Pawl tal-Belt, Dun Ġammarì Scicluna mill-Gudja u li kien il-viċikappillan u Dun Daniel Farrugia. Scicluna kien l-id il-leminija tal-Kappillan Cachia u kien jieħu ħsieb ukoll jamministra l-legati. Bejniethom, kienet trabbiet ċertu ħbiberija u lealtà.

Kien żmien meta l-quddies kien isir filgħodu biss u kien jibda fl-4 a.m. Normalment, Dun Lawrenz Cachia kien iqaddes l-ewwel waħda u għaliha kien ikun hemm ammont konsiderevoli ta' nies. Il-quddies kien għadu kollu bil-Latin. L-unika riforma li kienet laħqet saret sa dal-perjodu kienet li ċ-ċerimonja tal-Vġili tal-Għid ma baqgħetx issir iktar is-Sibt filgħodu imma filgħaxija kif nafuha llum. Imma l-quddiesa xorta baqgħet bil-Latin. Dan kien ukoll perjodu meta l-qassisin kienu jqaddsu fuq l-altari differenti bir-riżultat li f'parroċċi kbar ġieli kellek xi seba' quddisiet għaddejjin f'daqqa u ġieli anki xi funeral fl-istess ħin. Kienu żminijiet meta n-nies waqt li għaddejja l-quddiesa kienet tgħid ir-rużarju, anki b'mod kollettiv.

Fil-każ tal-Gudja, il-quddies kien isir biss fil-knisja parrokkjali għajr li kull sena kienet isir il-festa tal-Madonna ta' Loretu, fil-kappella tagħha viċin l-ajruport. Dik il-ħabta, il-kappella mibnija fl-1676, kien jieħu ħsiebha Leli Azzopardi li kien pustier. Leli kien jiftaħ il-knisja kuljum u kien jieħu ħsieb ukoll il-festa tal-*Via Sacra* li kienet issir fil-knisja parrokkjali tal-Gudja qabel il-Ġimgħa l-Kbira.

Interessanti li l-funerali kienu jsiru kmieni ħafna biex il-fratelli kienu jilħqu jieħdu sehem fihom qabel imorru għax-xogħol. Il-fratelli kienu jipparteċipaw bil-konfratija u bl-istandard tagħhom. Għalhekk, funeral normalment kien jibda fis-6 a.m. u f'kull wieħed kien ikun hemm mill-inqas għaxar fratelli. Skont Dun Lawrenz Cachia, "rari ma kienx ikun hemm fratelli fil-funerali."

Kien anki ż-żmien meta l-qassis kien jiġbor u jagħti l-bullettini tat-tqarbin; użanza li kienet indrat minkejja li l-polemiċi ma naqsux. Kien żmien meta n-nies kienet imħeġġa ħafna għall-qrar tant li, skont Dun Lawrenz, is-Sibtijiet, "in-nies kienu l-ħin kollu ġejjin. Kont nibda fl-erbgħa u nibqa' sejjer sad-dlam." Kienet issir ħafna

enfasi anki fuq it-tfal biex is-Sibt, qrara tajba ma jitilfuhiex.

Il-Kappillan Cachia laħaq lil Ninu Seguna bħala sagristan li kien jaqdi d-doveri tiegħu *part time*. Hu kien impjegat mas-*Civil Defence*. Kien jgħinu wkoll ibnu l-kbir Victor. Maż-żmien, ulied Ninu saru sagristani wkoll tal-knisja parrokkjali tal-Gudja.

Dun Lawrenz Cachia stqarr miegħi li minkejja li kien hemm xi piki fil-festi, dawn ma kinux kbar ħafna u dan grazzi għall-ħidma tal-Kappillan tal-Gudja Dun Anton Rapa, saċerdot Għawdxi li kien baqa' jgħix Malta b'familtu b'kollox. Rapa kien dam madwar għaxar snin kappillan il-Gudja. Kien għamel ftehim, iffirmat maż-żewġ każini tal-baned, fejn kien hemm qbil biex għall-festi rispettivi tagħhom jagħmlu inqas minn dak li kienet tagħti id-djoċesi bnadi oħra. Dak iż-żmien, fil-Gudja, il-festi kienu tlieta: Santa Marija, il-Madonna taċ-Ċintura u l-Madonna tal-Warda. Fil-festa tal-Warda, kienet toħroġ il-vara tal-Madonna tar-Ružarju bi fjura f'idejha u kienet issir f'Mejju. Imbagħad il-festa tar-Ružarju, f'Ottubru kienet tkun festa iktar devozzjonali, mingħajr baned u sparar.

Matul il-parrokat ta' Dun Lawrenz Cachia, kienu saru ċelebrazzjonijiet biex ifakkru l-525 sena mit-twaqqif tal-parroċċa u għal dik l-okkażjoni kien inġieb isqof mill-Italja u kienu ħadu sehem iż-żewġ baned tal-Belt. Fi żmien Dun Lawrenz Cachia, kienu saru erba' lampieri tal-fidda għall-knisja parrokkjali u kienu nħadmu għand l-arġentier Pirotta, tan-Naxxar li fis-sena 2014 issemmiet triq għalih fir-raħal imsemmi. Il-Kappillan Cachia kien għamel ukoll il-gandlieri tal-bronż ta' kuljum li kien ħallashom is-Sur Joe tal-Vernon Club u li kien ukoll propjetarju tal-ħanut Lysette, fi Triq San Zakkarija, il-Belt. Il-Vernon Club kien fejn illum hemm il-Bank Ċentrali, il-Belt.



Kull nhar ta' Sibt, il-Kappillan Lawrenz Cachia kien jorganizza lotterija b'risq il-festa u din kienet isservi biex il-Kappillan, flimkien mal-viċi tiegħu, jiltaqa' mal-parruċċani ta' kull ġimgħa. Fi żmienu, il-Museum tas-Subien kien attiv ferm u kien immexxi minn żewġ soċji li kienu minn Raħal Ġdid. Kemm dam kappillan il-Gudja, sa waħda minn ħutu daħlet soċja tal-Museum u baqgħet fis-soċjetà sakemm mietet. Kien hemm attivi wkoll l-Azzjoni Kattolika tan-Nisa u x-Xebbiet li kienu jaqgħu taħtu. Kien ilaqqgħhom darba fil-ġimgħa u xi kultant kien jorganizzalhom irtir. Kien hemm ukoll għal xi żmien il-Fergħa taż-Żgħażagħ Haddiema Nsara. Fi żmienu, kienet issir ukoll quddiesa nhar l-ewwel Ġimgħa tax-xahar għall-istudenti tal-primarja

fl-iskola. Lejliet, il-Kappillan u l-Viċi tiegħu kienu jqarru lit-tfal.

Dun Lawrenz Cachia ħaseb li jipprovdi divertiment nadif għall-familji kollha. Fis-sala parrokkjali beda juri l-films grazzi għall-*projector second hand* li kien xtara. Is-sala parrokkjali kien sabha lesta u kienet għadha bilkemm iżżażnet tant li kien għad baqa' xi flus x'jitħallsu. Bdew isiru wkoll it-teatrini.

Mill-Gudja, Dun Lawrenz Cachia mexa għall-parroċċa ta' Ħaż-Żebbuġ anki jekk skont għajn ta' min jorbot fuqha infurmat lill-awtur preżenti li l-Arċisqof Gonzi kien xtaqu li jmur arċipriet iż-Żejtun wara li tbattal il-post minn Dun Mikiel Spiteri li kien sar Monsinjur tal-Kattidral. Minflok, iż-Żejtun kien sar arċipriet Dun Pantaleone Orland li kien mexa minn Marsaxlokk waqt li l-Gudja ġie kappillan Dun Edgar Attard fejn dam sal-1971 (Attard miet fl-2019). Biex mar Ħaż-Żebbuġ, Dun Lawrenz Cachia, kellu jerġa' jagħmel il-famuż eżami. Wisq probabbli dak kien wieħed mill-aħħar konkorsi li saru.

## BIBLIJOGRAFIJA


Joe Calleja, *Ordinazzjonijiet Saċerdotali 1800-2000* (Malta, L-Awtur, 2001).

Joe Abela, *Il-Parroċċa taż-Żejtun tul iż-Żminijiet* (Malta, Klabb Kotba Maltin, 2006).

Jeremy Boissevain, *A Village in Malta* (USA, Holt, Rinehart and Winston, Inc., 1980).

Manuela Zammit, *Promoting the Character of the Maltese Village as Part of a Sustainable Tourism Product: The Case Study of Gudja, Malta* (Bachelor of Arts in Tourism Studies, L-Università ta' Malta, 2014).

Intervista ma' Monsinjur Lawrenz Cachia, Dar tal-Kleru, 26 ta' April 2019.

http://www.bandasantamarija.net/library/intervisti/covi.php

http://islandofgozo.org/place?id=194&item=our-lady-of-loreto-chapel

https://www.centralbankmalta.org/history-of-premises

https://www.freewebs.com/gudjamalta/lista%20tal-kappillani.pdf